# It-Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Il-Mulej salva l-poplu tiegħu.*

Ġer 31, 7-9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

7 Dan jgħid il-Mulej:
«Għannu bil-ferħ għal Ġakobb,
sellmu lill-ewlieni fost il-ġnus.
Xandru, faħħru u niedu:
"Il-Mulej salva l-poplu tiegħu,
il-fdal ta' Iżrael."

8 Arani, se nġibhom minn art it-tramuntana,
niġborhom minn truf l-art,
ilkoll kemm huma,
l-għomja u z-zopop,
in-nisa bit-tfal u n-nisa fil-ħlas:
kotra kbira terġa' lura hawn.

9 Jiġu bil-biki,
imma nfarraġhom jiena u nġibhom lura.
Immexxihom lejn l-ilma ġieri,
minn mogħdijiet watja biex ma jitfixklux.
Għax jien missier għal Iżrael,
u Efrajm hu ibni l-kbir.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 125 (126), 1-2ab.2ċd-3. 4-5.6

℟. (3): Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!

[1]Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassra ta' Sijon,
konna qisna mitlufa f'ħolma;
[2]imbagħad bid-daħk imtela fommna,
u bl-għajjat ta' ferħ ilsienna. ℟.

Imbagħad bdew jgħidu fost il-ġnus:
«Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom.»
[3]Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
U aħna bil-ferħ imtlejna. ℟.

[4]Biddel, Mulej, xortina
bħall-widien tan-Negeb!
[5]Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ
jaħsdu bl-għana ta' ferħ. ℟.

[6]Huma u sejrin, imorru jibku,
iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ.
Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ,
iġorru l-qatet f'idejhom. ℟.

# Qari II

*Int qassis għal dejjem.*

Lhud 5, 1-6

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

[1]Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed
għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, biex joffri doni u
sagrifiċċji għad-dnubiet.

[2]Hu dak li jista' jagħder 'il dawk li ma jafux u li jiżbaljaw, għax huwa
mlibbes bid-dgħufija; [3]u minħabba f'hekk għandu joffri sagrifiċċji
għad-dnubiet tiegħu wkoll, bħalma joffrihom għad-dnubiet
tal-poplu.

[4]Ħadd m'għandu jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu, imma biss min
hu msejjaħ minn Alla, sewwasew kif kien imsejjaħ Aron. [5]Għax hekk
ukoll Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma
dan tahulu Alla, li qallu:
«Ibni int; illum jien nissiltek.»
[6]U kif jgħid ukoll band'oħra:
«Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara 2 Tim 1, 10

Hallelujah. R/. Hallelujah
Is-Salvatur tagħna Kristu Ġesù qered il-mewt
u dawwal il-ħajja permezz tal-Evanġelju.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Mgħallem, agħmel li jiena nara.*

Mk 10, 46-52

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż–żmien, waqt li Ġesù kien [46]ħiereġ minn Ġeriko flimkien
mad-dixxipli tiegħu u ma' kotra kbira ta' nies, kien hemm wieħed
tallab agħma, jismu Bartimew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb
tat-triq. [47]Dan, meta sama' li kien Ġesù ta' Nazaret, qabad jgħajjat u
jgħid: «Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!»

[48]Kien hemm ħafna li bdew jgħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar
beda jgħajjat: «Bin David, ikollok ħniena minni!»

[49]Ġesù waqaf u qal: «Sejħulu.» Huma sejħu l-agħma u qalulu:
«Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek.» [50]Dak tajjar il-mantar
minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù.

[51]U Ġesù kellmu u qallu: «Xi tridni nagħmillek?» «Li nerġa' nara,
Rabbuni,» wieġbu l-agħma. [52]U Ġesù qallu: «Mur, il-fidi tiegħek
fejqitek.» U minnufih raġa' beda jara, u baqa' miexi warajh fit-triq.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu